**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità**

**National Commission Persons with Disability**

**Malta**

Data: 5ta' Marzu 2003

**Il-Qasam tad-Dizabilità u l-Unjoni Ewropea**

Il-qasam tad-dizabilità kien is-suggett ta' zjara ta' studju li saret dan l-ahhar fi Brussel. Ghal din iz-zjara attendiet is-Sinjura Anne-Marie Callus, li tahdem fil-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita (KNPD). Iz-zjara ta' hamest ijiem kienet organizzata mill-*European Union Visitors Programme*, programm li jaghti l-opportunità lil persuni minn pajjizi mhux membri tal-Unjoni Ewropea biex isiru jafu aktar dwar l-Unjoni.

Matul din iz-zjara kien hemm diversi laqghat ma' membri tal-Parlament Ewropew kif ukoll ma' ufficjali tal-Kummissjoni Ewropea li jahdmu fil-qasam tad-dizabilita. Dawn kienu jinkludu l-President tal-*All Party Disability Group*, u rapprezentanti tal-Unit tad-Dizabilità u tal-Unit Kontra d-Diskriminazzjoni li huma bbazati fid-Direttorat Generali tal-Imjieg u Affarijiet Socjali. Kien hemm ukoll laqghat mal-Agenzija Ewropeja dwar Bzonnijiet Specjali fl-Edukazzjoni, u mal-Forum Ewropew tad-Dizabilità. Din hi ghaqda mhux governattiva li tigbor fiha organizazzjonijiet li jahdmu fil-qasam tad-dizabilita kemm fil-pajjizi membri kif ukoll fil-pajjizi kandidati u li l-KNPD hi membru taghha.

Parti ohra taz-zjara ta' studju ffukat fuq il-preparamenti li qed isiru, kemm min-naha tal-Parlament Ewropew kif ukoll fid-Direttorat Generali tat-Tkabbir fil-Kummissjoni Ewropeja, ghad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja.

Matul dawn il-laqghat gie diskuss dak li l-aktar jolqot lill-persuni b'dizabilità f'Malta kif ukoll il-qasam tad-dizabilità fl-Unjoni Ewropeja. Fejn jidhol il-kuntest Malti, id-diskussjonijiet iffukaw fuq, fost affarijiet ohra, il-Ligi Opportunitajiet Indaqs, l-edukazzjoni inklussiva u opportunitajiet ghall-persuni b'dizabilita fid-dinja tax-xoghol. Fil-kuntest tal-Unjoni Ewropeja kien hemm diskussjonijiet dwar kif persuni b'dizabilità jistghu jibbenefikaw minn inizjattivi li hadet l-Unjoni f'dan il-qasam. Dawn jinkludu d-Direttiva Kontra d-Diskriminazzjoni fl-Impjieg li hareg il-Kunsill tal-Ministri, il-Fond Socjali Ewropew, li jaghmel parti mill-programm tal-Fondi Strutturali, kif ukoll il-Programm tal-Kommunità Kontra d-Diskriminazzjoni Socjali.



Ðentru Óidma Soðjali, Triq Braille, Sta. Venera ÓMR 18, MALTA
Telefon: 487789 · 448521 · 245952 Fax: 484609 Text telefon: 446536
Ðentru: 441311, ext. 218 Email: helpdesk@knpd.org

Id-Direttiva ghandha l-ghan li tipprotegi minoranzi, fosthom persuni b’dizabilità, minn diskriminazzjoni fuq il-post tax-xoghol u trid tkun parti mil-ligi Maltija permezz tal-Att dwar Relazzjonijiet fl-Industrija. Il-Fond Socjali Ewropew kif ukoll il-Programm Kontra d-Diskriminazzjoni jipprovdu fondi sabiex pajjizi membri jkunu jistghu jiehdu inizjattivi li joholqu opportunitajiet ta’ xoghol ghal persuni b’dizabilita.

Dawn il-laqghat servew mhux biss biex ikun hemm skambju ta’ informazzjoni miz-zewg nahat, izda wkoll biex ikun hemm kuntatt dirett bejn il-KNPD u l-ufficjali tal-Unjoni Ewropea. Il-KNPD issa se tahdem biex l-informazzjoni miksuba tuzaha fix-xoghol taghha li tkompli ttejjeb il-kwalità ta’ hajja tal-persuni b’dizabilità u l-familji taghhom.